

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fit-28 ta' Ġunju 2018 – Jörg Paul Konrad Fritz Bode vs Instituto Nacional de la Seguridad Social u Tesorería General de la Seguridad Social

(Kawża C-428/18)

(2018/C 364/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jörg Paul Konrad Fritz Bode

Konvenuti: Instituto Nacional de la Seguridad Social u Tesorería General de la Seguridad Social

Domanda preliminari

L-Artikolu 48 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li timponi, bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għal pensjoni tal-irtirar antiċipat, li l-ammont tal-pensjoni li għandha tiġi riċevuta għandu jkun oġġett mill-ammont minimu ta' pensjoni li l-persuna kkonċernata jkollha dritt li tirċievi skont din l-istess leġislazzjoni nazzjonali, meta l-kunċett ta' "pensjoni li għandha tiġi riċevuta" jinftiehem bħala l-pensjoni effettiva li titħallas unikament mill-Istat Membru kompetenti (f'dan il-każ, Spanja), mingħajr ma tittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-pensjoni effettiva li l-persuna kkonċernata tkun tista' tirċievi abbażi ta' benefiċċji oħra tal-istess natura li jiġihallu minn Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra?

Appell ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2018 minn Mylène Troszczynski mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-16 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-626/16, Troszczynski vs Il-Parlament

(Kawża C-462/18 P)

(2018/C 364/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Appellanti: Mylène Troszczynski (rappreżentant: F. Wagner, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-626/16;